MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Numru 601/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Sandro Zarb**

**v**

**KASAB ALI AHMED**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KASAB ALI AHMED** ta' erbgha w tletin sena ta' nazzjonalita Palestinjana, bin Ali u Fatma imwieled Aleppo, s-Sirja, nhar l-hdax ta' Ottubru 1970 u detentur ta' certifikat t'immigrazzjoni numru 001047A956 gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fid-disgha ta' Lulju 2005, ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, dahal f'zona ristretta meta ma kellux *security pass*

jew awtorizazzjoni temporanja bil-miktub mahruga mill-Manager tas-Sigurta fl-Ajruport;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu f'idejh jew fuqu sikkina ta' kull xorta li tkun b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3. Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per Magistrat Dottor Saviour Demicoli nhar s-sittax ta' Novembru 2002 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Illi fil-presentata nhar l-hdax ta' Lulju 2005, l-imputat kien iddikjara li kien jifhem l-lingwa Maltija pero l-Qorti ma kienetx konvinta dwar dan w ghalhekk fis-seduta sussegwenti u cioe dik tas-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005, hija ghaddiet sabiex tinnomina nterpretu sabiex jassisti lil fl-imputat fl-andament ta' dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibit fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa ta' Settembru 2005 a fol 35 tal-atti sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni l-kaz tieghu jigu trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-hdax ta' Lulju 2005 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 6].

Rat wkoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per Magistrat Dottor Saviour Demicoli nhar s-sittax ta' Novembru 2002 fil-konfront tal-imputat odjern w ohrajn li tinsab esibita a fol 28 tal-atti markata bhala dokument SZ.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed l-Ispettur Sandro Zarb** [fol 9] li qal li nhar s-Sibt, disgha ta' Lulju 2005 ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar, hu

kien gie nfurmat minn PS 469 Matthew Azzopardi li kien stazzjonat d-divisjoni tal-Immigrazzjoni tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li kienu qed jaghmlu patrol fl-*airfield* n-naha tal-*gate* li taghti ghal Hal Far, fejn kien hemm persuna ta' nazzjonalita barranija li dahlet fil-*premises* tal-ajruport. Minn tfittxija li saret fuq din il-persuna nstab basket li kien fih zewgt iskieken. Ix-xhud esibixxa dawn iz-zewgt iskieken li gew mmarkati bhala dokument Z komplessivament. Qal li sussegwentement hu kien ipprova jkellem lil din il-persuna li kienet instabet fiz-zona ristretta u cioe l-imputat li gharaf presenti fl-awla, w irrizultalu li dan kien dahal illegalment f'Malta fis-sena 2000 u sussegwentement kien gie rikonoxxut bhala refugjat. Zied jghid li dan mill-ewwel ha l-attitudini aggressiva mieghu u ma kkopera xejn tant li ma wiegeb ghal ebda domanda li saritlu.

Illi nhar t-tlieta ta' Awissu **rega' xehed l-Ispettur Sandro Zarb** [fol 26] fejn esibixxa sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] per Magistrat Dottor Saviour Demicoli nhar s-sittax ta' Novembru 2002 fil-konfront tal-imputat odjern w ohrajn li tinsab esibita a fol 28 tal-atti markata bhala dokument SZ. Ix-xhud gharaf lil imputat odjern bhala wiehed mill-istess persuni msemmija f'din is-sentenza fejn hu stess kien l-Ufficjal Prosekutur. Zied jghid li din il-persuna kienet maghrufa mal-Pulizija bin-numru ta' registrazzoni 94MM. Ix-xhud esibixxa wkoll dokument mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija li jindika li l-imputat odjern ma kellu ebda licenzja biex igorr jew izomm strument iehor bil-ponta, li gie mmarkat bhala dokument SZ 1.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed PS 469 Matthew Azzopardi** [fol 11] li qal li nhar d-disgha ta' Lulju 2005 ghal habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar hu kien gie nfurmat mill-kamra tal-kontroll tas-suldati li kienu sabu persuna ta' nazzjonalita barranija. Qal li hu mill-ewwel hareg u ra lil persuna li gharaf bhala l-imputat presenti fl-awla. Qal li ghaddewlu l-basket mill-X Rays machine u l-ufficjal tal-X Rays qalilhom, li kien hemm zewgt iskieken f'dan il-basket. Qal li hu gabar z-zewgt iskieken. Ix-xhud zied jghid li din il-persuna kellu

dokument fuqu li hu ma kienx jaf x'kien u meta ccekkja rrizultalu li kien refugjat. Zied jghid li peress li mill-informazzjoni li kellu dan kien instab n-naha ta' Hal Far, iccekkja mad-Detention Centre ta' Hal Far jekk kienx hemm xi hadd mahrub, pero rrizultalu fin-negattiv. Ix-xhud zied jghid li sussegwentement hu ghadda l-kaz lis-superjuri tieghu. Meta x-xhud gie muri d-dokument Z u cioe z-zewgt iskieken esibiti l-Qorti, ix-xhud kien f'posizzjoni li jghid li kienu l-istess skieken li nstabu fuq l-imputat dakinhar li kien presenti hu meta l-basket tieghu gie mghoddi mill-X Rays machine.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed PS 954 Paul Mangion** [fol 13] li qal li nhar d-disgha ta' Lulju 2005, hu kien stazzjonat l-Ghassa tal-ajruport u kien nizzel rapport dwar sejba ta' refugjat fiz-zona ristretta tal-ajruport. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument X [fol 15]. Qal li s-Surgent li kien xoghol l-Immigration, certu PS 469 Matthew Azzopardi kien qallu li l-ufficjali tal-armata kienu ghaddewlu zewgt iskieken li kienu fil-pussess tal-persuna li gharaf bhala l-imputat presenti fl-awla. Qal li hu staqsa lil imputat ghaliex kien dahal f'dik z-zona tal-ajruport u l-imputat kien irrispondih li hu kien xtaq li jmur l-Hamrun u ghamel hekk ghaliex haseb li jista jnaqqas mit-triq. Kif staqsih dwar s-skieken, l-imputat beda jkellmu bi djalett Gharbi u ma setghax ghalhekk jifhmu x'kien qed jghid. Meta x-xhud gie muri z-zewgt iskieken esibiti fl-atti bhala dokument Z, ix-xhud ikkonferma li huma l-istess zewgt iskieken li nstabu fuq il-persuna tal-imputat.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed Raymond Xuereb** [fol 17] li qal li hu jokkupa l-kariga ta' Assistant Manager Airport Security. Mistoqsi jekk fid-disgha ta' Lulju 2005 l-imputat odjern kellux xi permess temporanju jew permanenti sabiex jidhol fiz-zona tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ix-xhud wiegeb li minn ricerka li hu ghamel ma rrizultalux li l-imputat kellu tali permess. Zied jghid li z-zona maghrufa bhal '*airfield*' ta' hdejn Hal Far hija zona ristretta.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed Paul Theuma** [fol 19] li qal li hu jokkupa l-kariga ta' Lance Bombardier mal-Forzi Armati ta' Malta. Ftakar li nhar d-disgha ta' Lulju 2005, hu kien stazzjonat l-ajruport u hareg jaghmel *patrol* u ghal habta tat-tlieta neqsin ghoxrin ta' wara nofsinhar iltaqa mal-imputat li gharaf presenti fl-awla u staqsih x'kien qed jaghmel fl-*airfield* peress li hemm kienet zona protetta. Qal li hu ma setghax jifhem x'kien qed jghid u spjega li ma ghonqu kellu mdendel basket u meta iccekkja dan il-basket, fih sablu frott. Qal li sussegwentement dan gie akkumpanjat gewwa l-ajruport u ghaddewlu l-basket mis-*security machine* u lil imputat ghaddieh lil Logotenent Joseph Cachia.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed Joseph Mary Zammit** [fol 21] li qal li jahdem bhala Gunner mal-Forzi Armati ta' Malta u ftakar li nhar d-disgha ta' Lulju 2005, ghal habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar, kien qed jaghmel *patrol* ma Ufficjal iehor tal-armata meta xi hin iltaqghu mal-imputat li gharaf presenti fl-awla, li kien qed jaqsam minn naha ghal ohra. Qal li huma sabuh hdejn il-*wooden fence* n-naha ta' Hal Far. Qal li kellu basket u wara ghaddewh lis-superjuri taghhom.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed Joseph Cachia** [fol 23] li qal li hu Leiutenant mal-Forzi Armati ta' Malta u fltakar li nhar d-disgha ta' Lulju 2005, kien xoghol *day duty* fil-kamra tal-kontroll tal-armata. Qal li xi hin hu gie nfurmat li waqt *patrol* li kienet qed issir, instabet persuna li kienet fiz-zona ristretta li ma kellhiex *security pass* jew awtorizazzjoni mahruga mill-manager tas-sigurta tal-post. Sussegwentement din il-persuna ittiehdet quddiemu, liema persuna huwa gharaf bhala l-imputat presenti fl-awla. Qal li hu ghamel tfittxija fuq din il-persuna u ma sab xejn irregolari. Qal li wara talab l-assistenza tal-Pulizija w ghadda l-basket li l-imputat kellu fuq spalltu mill-X Rays machine fejn instab li fih kellu xi skieken. Meta x-xhud gie muri z-zewgt iskieken esibiti l-Qorti bhala dokument Z, ix-xhud qal li kienu l-istess skieken li kellu fil-basket l-imputat dakinhar.

Illi nhar d-disgha ta' Jannar 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 55] fejn qal li huwa minnu li dakinhar tad-disgha ta' Lulju 2005, huwa nstab ghaddej mill-*airfield* tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Spjega li ma kellu ebda awtorizzazzjoni mill-manager tas-sigurta tal-ajruport biex jghaddi minn hemmhekk, pero haseb li billi jaghmel hekk, kien ser iqassar t-triq. Ammetta wkoll li fuq il-persuna tieghu f'basket, huwa kellu zewgt iskieken li effettivament kien juza biex jiekol bihom.

Illi mill-provi migbura ma hemmx dubbju li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuzi kollha taghha.

Ghaldaqstant, **l-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 12, 17 u 25(4) tal-Kap 405, l-artikoli 13 u 19 tal-Kap 66, l-artikoli 49, 50 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lill-imputat KASAB ALI AHMED hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tiddeciedi li tikkundannah ghall-sitt xhur prigunerija.**

**Oltre dan tiddikjara li l-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz, jigu mnaqqas mill-piena nflitta fuqu llum b'din s-sentenza.**

**Tordna l-konfiska tad-dokument Z esibit minn PS 954 Paul Mangion nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 [K/A 185/05].**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------